# Minuti

## Seduta Nru. 8/2011

Data: Il-Ħamis, 17 ta’ Frar 2011

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta’ Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud
John Mary Zahra
Jane (Yvonne) Spiteri
Mario Xuereb
Rudolph Cini
Margareth Baldacchino Cefia – Viċi Sindku, Kunsill Lokali L-imsida
Michael Fenech Adami – Sindku, Kunsill Lokali Birkirkara
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Fis-6:45pm waslet is-Sinjura Claudia Magrin bħala parti mill-pubbliku.

---

## AĠENDA

1. Talba
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti mqajma mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Pożizzjoni tal-Kumitat mal-Kunsilli Lokali ta’ Birkirkara u tal-Imsida
6. Proposti għall-laqgħa mat-TM dwar it-Trasport Pubbliku fis-Swatar
7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*
8. Affarijiet Oħra
9. Aġġornament

---

## Kontenut

Annex A Minuti 8/2011

Annex B Tabella ta’ Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 8/2011**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 7/2011 li saret nhar it-13 ta' Jannar 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Kien hemm korrezzjoni f'item 5.6 fejn minflok il-kelma *'pazjenti'* tiġi l-kelma *'klijenti'* . Wara ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.3 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ma rnexxielux jagħmel appuntament maż-ZAK u ser jipprova jagħmlu sal-laqgħa li jmiss. Kunsill taż-Żagħżagħ

3.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li pruvat kemm 'l darba tiltaqa' magħhom iżda kien kollu għalxejn. L-ewwel qalulha iva u kienu ħafna interessati iżda meta marret biex tfittixhom ma sabet lill-ħadd. Qisu m'hemmx interess.

3.1.2 Is-Sur Mario Xuereb ippropona li l-Kumitat isib 'l xi ħadd li jaf kif jaħdem il-Kunsill taż-żagħżagħ u jispjegalhom hu.

3.1.3 Iċ-*Chairperson* wieġbet li mhux din il-problema għax min ifhemhom diġa hemm. Qalet li hi trid li ż-żagħżagħ jattendu, juru interess u jtuha appuntament.

**3.2** **Fuq punt 3.4 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-email lit-Transport Malta ntbagħtet u għad m'għandux risposta fuqha għalkemm għamel diversi tentattivi bit-telefon iżda ma jsib lil ħadd. Lis-Sur Magrin qed jiġi wkoll notifikat f'kull progress li qed isir fuq dan il-każ. Ilment tas-Sur Daniel Magrin.

3.2.1 Is-Sur Rudolph Cini ppropona li tintbagħat *gentle reminder* bl-email.

3.2.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed jipprova kemm jista jkun jikkuntattjahom bit-telefon iżda jekk jibqgħu ma jirrispondux ikollu jibgħatilhom *reminder* b'email.

3.2.3 Il-Kumitat iddeċieda li jekk is-Segretarju ma jirnessielux bit-telefon sa l-aħħar tal-gimgħa ta' wara tintbagħat *gentle reminder* bl-email.

**3.3** **Fuq punt 3.6 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li is-sinjali l-ġodda fi Triq Indri Grima issa saru. Is-Sur Rudolph Cini ikkonfermah. Zebgħa tas-Sinjali tat-Toroq.

**3.4** **Fuq punt 3.7 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ltaqa' mas-Sinjura Yvonne Spiteri u spjegatlu eżatt fejn kienet it-tappiera mikxufa. Wara, s-Sinjura Spiteri bagħtet email lill-Aġent Segretarju bir-ritratt u l-Aġent Segretarju bagħat lill-Kunsill tal-Imsida sabiex titranġa l-ħofra. Tappiera fi Triq tal-Maypole.

**3.5** **Fuq punt 3.8 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li rnexxielu jsib ta' min huma l-bins ta' reċiklaġġ li huma propjeta' tal-Kunsill Lokali tal-Imsida. Dan għaliex sab żball fl-ilment li minflok Triq it-Torri kellha tiġi Triq is-Swatar. Issa l-ilment għadda f'idejn il-Kunsill Lokali ta' L-Imsida sabiex jersqu lura u jitnaddfu.

Bins ta' Reċiklaġġ

**3.6** **Fuq punt 3.9 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li qed jaħdem fuq il-mappa minħabba t-traffic flow u kif tkun lesta jressaqha quddiem il-Kumitat sabiex tiġi diskussa.

Mappa ta' *Traffic Flow.*

**3.7** **Fuq punt 3.12 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li din qegħda pendenti u kif tkun lesta jressaqha quddiem il-Kumitat sabiex tiġi diskussa.

Ismijiet ġodda tat-Toroq

**3.8** **Fuq punt 4.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-formola ntbagħtet lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara sabiex jitwaħħal il-fanal fi Triq Paul Borg Olivier.

Fanal tat-Triq fi Triq Paul Borg Olivier.

**3.9** **Fuq punt 5.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li mar fuq il-post iżda ma ra l-ebda bramel fuq l-ispazju tal-parkeġġ biex ir-resident iżommu riservat. Biex tirraporta irid ikollok xi forma ta' evidenza. *Iċ-Chairperson* ikkonfermat li marret hi ukoll u ma rat xejn.

Parkeġġ okkupat minn resident fi Sqaq Sant'Andrija.

3.9.1 Il-Kumitat iddeċieda li jekk ir-residenti li qed jagħmlu l-ilment jaraw li dan qed jiġri, għandhom jieħdu ritratt bħala provi ta' dan u hekk ir-rapport ikun jista' jsir.

**3.10** **Fuq punt 5.2 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ċċekkja mal-Kunsill Lokali Birkirkara u qalulu li din it-Triq kien diġa lestiha l-kuntrattur meta kien qed jagħmel *refreshing* taż-żebgħa tat-toroq madwar is-Swatar.

Żebgħa tat-Triq fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra.

**3.11** **Fuq punt 5.3 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li meta ċċekkja mal-Kunsill Lokali Birkirkara, huma qalulu li biex issir tabella ta' No Entry hija proċedura twila u diffiċli biex tiġi approvata mit-Transport Malta. Għalissa twaħħlu tabelli fit-truf tat-Triq biex is-sewwieqa joqgħodu attenti meta jkunu qed jgħaddu mit-Triq waqt il-ħinijiet tal-Mużew. Jekk jirriżulta li huma għalxejn, imbagħad tintbagħat l-applikazzjoni biex tingħalaq it-Triq waqt il-ħinijiet tal-Mużew.

Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew.

3.11.1 Iċ-*Chairperson* u s-Sur Mario Xuereb sostnew li dik it-tabella li twaħħlet mhux biżżejjed.

3.11.2 Il-Kumitat iddiskuta dan il-każ u kien qed jikkonsidra l-possibbilta' li jkun hemm Gwardjan Lokali preżenti waqt il-ħinijiet tal-Mużew. Il-problema tal-Gwardjan Lokali kienet li hu wisq *expensive* li żgur l-Kumitat m'għandux il-fondi għalih. Imbagħad il-Kumitat beda jikkonsidra li tingħalaq it-Triq iżda kien ser ikun proċess twil.

3.11.3 Is-Sur Michael Fenech Adami kkummenta li l-iktar nies li jkunu qed joħolqu l-perikli f'dawk il-ħinijiet huma l-ġenituri stess li jmorru jiġbru lit-tfal mill-Mużew. Qal ukoll li biex tagħlaq it-triq aktarx jinħareġ biss lill-iskejjel u mhux lill-Mużewijiet. Fil-verita' trid tiġi mill-ġenituri stess li joqgħodu attendi. L-aħjar soluzzjoni tkun li l-Kumitat ikellem

lis-superjur sabiex joħroġ lit-tfal ftit ftit.

3.11.4 Il-Kumitat qabel ma dan is-suġġeriment għax ra li din hija l-unika soluzzjoni vijabbli li kien hemm f'dan l-istadju. Il-Kumitat qabel ukoll li s-Sur Mario Xuereb imur ikellem lis-superjur.

3.11.5 Is-Sur Mario Xuereb qal li hu ser jissuġġerixxi lis-superjur sabiex joħroġ karta u jqassamha lill-ġenituri kollha ħalli joqgħodu attenti kif jidħlu bil-karozzi fit-triq meta jmorru biex jiġbru lit-tfal. Dan ikun l-ewwel pass imbagħad il-Kumitat jara jekk mhux il-każ li jsib soluzzjoni oħra. Il-Kumitat qabel.

**3.12** **Fuq punt 5.4 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li kellem lis-sid tal-ħanut, is-Sur Samuel Vassallo, u spjegalu kif għandu japplika u lil min għandu jibgħat l-applikazzjoni. Kif ilesti l-ittra, is-Sur Vassallo għandu jikkuntattja lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jara li l-applikazzjoni hija tajba qabel ma jibgħatha. *Loading and Unloading Bay.*

**3.13** **Fuq punt 5.5 u 5.5.2 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal kien lesta draft ta' fejn għandhom jitwaħħlu *l-isleeping policeman* fit-triq. Tkellem mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u qalulu li it-Transport Malta qed jippruvaw inaqqsu *sleeping policeman* fit-toroq u mhux qed joħorġu permessi iktar fuqhom. Ir-raġuni hi li t-toroq ta' Malta qed jimtlew wisq bihom. L-Aġent Segretarju qal lill-Kumitat li jrid isib soluzzjoni alternattiva biex is-sewqan eċċessiv tal-vetturi jitnaqqas. Il-Kunsill jissuġġerixxi li minflok, isiru aktar tabelli fit-Triq ħalli dak li jkun, ikun konxju li hemm periklu. Talba għall-*Sleeping Policeman*

3.13.1 Is-Sur Jimmy Zahra qal li rigward Triq il-Qampiena, *sleeping policeman* hija l-aħjar ħaġa iżda twaħħlet mera mal-kantuniera u ser jerġa jkellem lir-resident sabiex jara jekk hix biżżejjed u jekk hix qed tkun effettiva. Il-Kumitat qabel.

**3.14** **Fuq punt 5.6 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li issa l-Kunsill Lokali tal-Imsida approva dan l-ispazju riservat u qedha f'idejn it-Transport Malta sabiex joħroġ il-permess. L-Aġent Segretarju qal li prova kemm 'l darba jikkuntattja lit-Transport Malta biex jara fix wasslet l-applikazzjoni iżda ma jistax jaqbadhom. Ser ikompli jipprova u fl-istess ħin iżomm aġġornat lill-min għamel it-talba. *Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'*

**3.15** **Fuq punt 5.7 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li it-talba li rċieva mis-Sur Zahra ntbagħtet lill-Kunsill tal-Imsida sabiex jieħu ħsiebha. Kaxxa Safra quddiem garaxx ta' resident.

**3.16** **Fuq punt 5.8.6 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-proġett għadu pendenti peress li qed jiffoka fuq *traffic management.* Tabelli ta' Informazzjoni fit-Toroq.

**3.17** **Fuq punt 5.8.7 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li saret laqgħa l-Kunsill Lokali tal-Imsida biex tiġi diskussa din il-Memo. Preżenti kien hemm iċ-*Chairperson*, Rudolph Cini, Maragaret Baldacchino Cefai u L-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat. Ġie deċiż li peress li jumejn kienu wisq żmien qasir sabiex issir l-applikazzjoni l-Kumitat ma jibgħat xejn lill-Kunsilli. Il-Kunsill tal-Imsida m'applikawx għall-din l-iskema u l-Kunsill Lokali Birkirkara applikaw. Memo 1/2011

3.17.1 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li fuq din il-Memo prattikament waqaf kollox. Fil-fatt il-binjiet li qegħdin fis-Swatar jaqgħu mal-Kunsill. Is-Sur Fenech Adami qal li l-Kunsill kellu laqgħa mal-*Housing* u skoprew li l-Kunsill ma jistax jaqbad u jibda jirranġa f'binjiet tal-Gvern li m'humiex devoluti lill-Kunsill. Għad iridu jiġu ċċarati ħafna affarijiet qabel ma jkunu jistgħu jimbdew ix-xogħolijiet. Jekk ma ssirx emenda fil-liġi, il-Kunsill ma jistax jagħmel ix-xogħol.

3.17.2 *Iċ-Chairperson* ikkummentat li ma tafx għaliex meta saru l-laqgħat tal-Kunsill sabiex jiftehmu fuq il-Memo, il-Kumitat ma kienx mistieden jew ikkonsultat.

**3.18** **Fuq punt 5.9.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li t-talba għar-rendikont finanzjarju intbagħtet liż-żewġ Kunsilli pero għad hemm ħafna problemi fuq kif ser jinqassmu l-ispejjeż qabel ma jkun jista' jinħareġ il-Budget. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li ser jiltaqa' mal-*Accountant* ta' Birkirkara sabiex jippruvaw joħorġu xi forma ta' soluzzjonijiet u *pilot template* biex għallinqas jinbeda xi ħaġa. Finanzi tal-Kumitat

**3.19** **Fuq punt 5.10.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li dan l-ilment intbagħat lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u wieġbuh li din it-Triq qeda fil-lista u diġa pjanat li jsir it-tarmak. Tarmak fi Triq Fonzu Maria Galea

**3.20** **Fuq punt 5.11 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-laqgħat għadhom pendenti peress li qed jiffoka fuq *traffic management.* Problema ta' Parkeġġ

**3.21** **Fuq punt 5.12 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li mar idur is-Swatar sabiex jidentifika l-post ta' dawn il-perikli iżda ma kienx jaf eżatt fejn qegħdin u ma rnexxielu jsib xejn. Perikli fit-toroq.

3.21.1 Is-Sur Mario Xuereb u s-Sur Jimmy Zahra ser jiftehmu bejniethom sabiex imorru u jidentifikaw dawn il-perikli fejn qegħdin u jittieħdu r-ritratti.

3.21.2 Il-Kumitat qabel ma' din il-proposta.

**3.22** **Fuq punt 5.15 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-laqgħa Pubblika tista' ssir fejn il-Kumitat jara li jkun kemm jista jkun qrib r-residenti pero ma tistax issir qabel ma jitlesta l-*Budget* għax irid jiġi preżentat fil-laqgħa. Laqgħa Pubblika

3.22.1 Is-Sur Fenech Adami qal li l-laqgħa Pubblika ma tistax issir jekk ma jkunx hemm preżenti l-Kunsilli. Trid issir laqgħa konġunta.

3.22.2 Il-Kumitat iddeċieda li L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jivverifika dan il-punt mad-Dipartiment.

## 4. Korrispondenza

**4.1** Ma kien hemm ebda korrispondenza x'tiġi diskussa.

## 5. Pożizzjoni tal-Kumitat mal-Kunsilli Lokali ta' Birkirkara u tal-Imsida

Pożizzjoni tal-Kumitat

**5.1** *Iċ-Chairperson* qalet li trid issir laqgħa mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kif ukoll tal-Imsida sabiex tkun iċċarata li kullma jsir jew ikun pjanat li jsir fis-Swatar mill-Kunsilli Lokali rispettivi, il-Kumitat irid ikun infurmat, ġie diskuss u jrid ikun hemm xi ħadd tal-Kumitat preżenti magħhom. Ma jistax ikun li jekk per eżempju jkun hemm xi ħaġa pjanata li ssir fuq *traffic management* mill-Kunsilli, il-Kumitat ma jkunx jaf biha. Dan għaliex il-Kumitat jista' jkollu pjanijiet differenti għall-dik iż-żona partikulari.

5.1.1 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li t-*traffic management* isir kollu mit-Transport Malta. Ħafna drabi jiddeċiedu huma u l-anqas biss il-Kunsill jiġi konsultat. L-argument tagħhom hu li għax it-toroq huma tagħhom.

5.1.2 *Iċ-Chairperson* qalet li għandha ssir laqgħa mat-TM sabiex jiġu ċċarati dawn il-punti magħhom ukoll. Din il-laqgħa tista' ssir meta ssir il-laqgħa magħhom fuq *traffic management.*

5.1.3 *Iċ-Chairperson* semmiet ukoll li ma tistax tifhem kif is-sotto-kumitati tal-Kunsill Lokali Birkirkara reġgħu telgħu is-Swatar, bdew jaraw ċertu xogħol, u l-Kumitat reġa ma kienx ikkonsultat. Ħarġet Memo ukoll li tgħid li s-sotto-kumitati għandhom jiġu xolti la darba hemm il-Kumitati Amministrattivi. Jekk sar xi ħaġa mill-perit fuq is-Swatar u l-Kumitat ma jafx biha, l-ispejjeż żgur li mhux ser jittieħdu mill-Kumitat. Is-sotto-kumitat tal-Imsida huma xolti.

5.1.4 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li s-sotto-kumitat qatt ma ltaqa'. Minn mindu twaqqaf il-Kumitat, hu ta ordni li ma jsir xejn fis-Swatar jekk mhux b'ordni miċ-*Chairperson* jew mil-Aġent Segretarju tal-Kumitat.

5.1.5 Is-Sur Rudolph Cini qal li jekk il-Kumitat qed jagħmilha ċara fuq xi punti mal-Kunsilli waqt il-laqgħa tal-Kumitat, ladarba dawn il-punti qed jiġu *minuted*, il-messaġġ mil-Kumitat qed jitwassal xorta fil-minuti għax il-Kunsilli ser jarawhom.

5.1.6 Iċ-*Chairperson* qalet li ċertu affarijiet hemm bżonn li jkunu ċari daqs il-kristall għax xi kultant il-Kumitat qed jiġi injorat.

5.1.7 Is-Sinjura Yvonne Spiteri qalet li l-membri tal-Kumitat ġew eletti mir-residenti u l-membri għandhom dritt li jkunu jafu x'inhu jiġri għax għandhom ukoll responsabbilta' lejn ir-residenti. M'għandu jsir xejn minn wara dar il-Kumitat.

5.1.8 Il-Kumitat ikkonkluda li ma ssirx laqgħa mal-Kunsilli iżda tkun ċara fil-minuti ma' kulħadd li jekk ikun hemm xi xogħolijiet li jridu jsiru fis-Swatar, dawn iridu jgħaddu kollha għall-approvazzjoni tal-Kumitat. F'każ kuntrarju, dawn ix-xogħlijiet ma jsirux qabel ma jiġu diskussi mil-Kumitat. Wara jgħaddu għall-approvazzjoni tal-Kunsill iżda jistgħu jitwaqqfu mill-Kunsill biss jekk ma jkunx hemm finanzi biżżejjed jew ikunu kontra l-Liġi.

# 6. Proposti għall-laqgħa mat-TM dwar it-Trasport Pubbliku fis-Swatar

**6.1** L-aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser ikun hemm laqgħa mat-Trasport Malta sabiex jiġi diskuss t-trasport pubbliku fis-Swatar. Trasport Pubbliku fis-Swatar

6.1.1 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li t-TM m'għandiex x'taqsam iżjed mat-Trasport Pubbliku. Fil-fatt il-Kuntrattur 'l ġdid ser jiltaqa' mal-Kunsilli u jiddiskuti magħhom. It-Trasport pubbliku tas-Swatar ser ikun bħala *feeder* ta' Birkirkara. Is-Sur Fenech Adami qal ukoll li l-Kumitat m'għandux dritt li jagħmel laqgħa mat-TM u ma jkunx hemm preżenti l-Kunsilli.

6.1.2 Iċ-*Chairperson* qalet li ma ssib l-ebda oġġezzjoni li tistieden lis-Sindki taż-żewġ Kunsilli ħalli jattendu għall-laqgħa mal-Kumitat.

6.1.3 Is-Sur Mario Xuereb ippropona li qabel ma ssir il-laqgħa, jiġi kjarifikat jekk ma' min ser jiltaqa' l-Kumitat jistax jirrispondi mistoqsijiet fuq ir-rotot 'l ġodda u fuq kif ser topera l-kumpanija 'l ġdida 'Arriva' sabiex il-laqgħa ma ssirx għalxejn.

6.1.4 Il-Kumitat qabel.

# 7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**7.1** Iċ-*Chairperson* qalet li l-Arċisqof ta' Malta ser iżur is-Swatar. Fl-20 ta' Marzu ser ikun hemm Quddiesa fl-10:30am u wara l-Kumitat ser ikollu laqgħa privata ma' l-Arċisqof. Importanti li l-membri kollha tal-Kumitat ikunu preżenti. Laqgħa ma' l-Arċisqof

**7.2** Iċ-*Chairperson* qalet li hi u l-Aġent Segretarju kellhom laqgħa l-Kunsill tan-Naxxar fejn ġew diskussi kif ser jiġu implimentati l-ispezzjonijiet ġewwa l-*playing fields* kollha li hemm ġewwa Malta u Għawdex u ġew imqassma kotba li fihom l-*istandards* uffiċjali tal-*playing fields* maħruġa mill-*Malta Standards Authority*. Dawk il-*playing fields* li jinsabu mhux skont l-istandrads, il-Kunsilli ser jiġu mitluba sabiex jirranġahom. Laqgħa fuq l-istandards tal-Playing fields.

# 8. Affarijiet Oħra

**8.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv aġġorna lill-Kumitat fuq x'qed isir fuq il-proġett tal-Bandli tas-Swatar. Hu qal li kellu laqgħa mal-Perit tal-Kunsill tal-Imsida, il-Perit Valerio Schembri, sabiex jiċċekkja d-dokument tat-Tender qabel ma joħroġ peress li fih informazzjoni teknika. Il-Perit għandu jibgħat it-tender emendat u ser jipprova jżid xi affarijiet fih sabiex il-Kumitat ikun jista' jħaffef il-proċess, jinġieb prezz aħjar, u l-maġġoranza ta' l-aċċessorji li hemm bżonn jinxtraw minn kuntrattur wieħed permezz tat-tender. Proġett tal-Bandli

8.1.1 Is-Sur Mario Xuereb qal li meta l-Kumitat kien qed jippjana l-proġett u ra li l-*equipment* li kien hemm ma kienx hemm xejn li jrid jinbidel għax kien għadu tajjeb, issa hemm xi equipment li qed jibda' jitkisser.

8.1.2 Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai qalet li ser tiċċekkja fuqha u tgħaddiha Kunsill.

**8.2** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex tkun tista titkellem is-Sinjura Claudia Magrin fuq attivita' li hemm il-ħsieb li jorganizza l-Kumitat lejn l-aħħar ta' Lulju ta' din is-sena. Attivita' ġewwa s-Swatar.

8.2.1 Is-Sinjura Magrin qalet li hi torganizza *events* għall-ħafna entitajiet anki għall-Kunsilli. Taf it-tfal u ż-żagħżagħ kważi kollha tas-Swatar u barra minn hekk tagħmel *plays*, *pageants* u affarijiet oħra.

8.2.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, f'isem iċ-*Chairperson* spjega li qed jiġi propost li ssir attivita' li jkun fiha ħafna talenti tas-Swatar bħall-*Musical*, *Talent Shows*, eċċ. Din issir fil-*parking area* tal-Knisja. Barra minn hekk, jekk ser issir attivita', il-Kumitat ma jistax jiġbor fondi għall-xi entita' oħra li m'hix propjeta' ta' l-istess Kumitat.

8.2.3 Is-Sinjura Magrin qalet li l-ħsieb ta' din l-attivita' hi li jiġu involuti t-tfal u ż-żagħżagħ tal-lokal bit-talenti tagħhom.

8.2.4 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill għamel ġemellaġġ mar-raħal ta' Bergeto, l-Italja u f'Settembru, l-Kunsill ser jistieden lill-dan ir-raħal f'Malta u jsiru 4 t'ijiem attivitajiet. L-ideja hi li l-Kunsill ilaqqa ż-żagħżagħ Maltin ma' dan ir-raħal u jagħmlu skambji ta' kultura, esperjenzi, lingwa, ikel eċċ. Jekk jaqbel il-Kumitat, lejla minn dawn l-4 t' ijiem, l-*event* issir is-Swatar. Din ser tkun kollha finanzjata u l-Kumitat mhux ser joħroġ ebda flus. Barra minn hekk, is-Swatar huwa wkoll inkluż fil-ġemelaġġ avolja sar mill-Kunsill ta' Birkirkara.

8.2.5 Il-Kumitat qabel li s-Sinjura Magrin tagħmel pjan ta' kif ser tkun l-attivita', tikkonfermah mal-Kunsill ħalli tara jekk mhux possibbli li jsir imbagħad tressqu quddiem il-Kumitat ħalli jekk jaqbel mal-pjan, s-Sinjura Magrin tkun tista' tmexxi.

**8.3** Is-Sur Rudolph Cini qal li hemm bżonn li jkun hemm ATM tal-BOV ġewwa s-Swatar. ATM ġewwa s-Swatar

8.3.1 Is-Sur Mario Xuereb qal li minn għandu *cashlink* tal-BOV jista' jiġbed minn kull ATM mingħajr ma jeħel tariffi. Dan ma jgħoddx għal credit cards.

## 9. Aġġornament

**9.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8:00pm għall-Ġimgħa 25 ta' Marzu 2011, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| 3.2 | **Fuq punt 3.4**<br>Ilment tas-Sur Daniel Magrin. | Il-Kumitat iddeċieda li jekk is-Segretarju ma jirnessielux bit-telefon sa l-aħħar tal-gimgħa ta' wara tintbagħat *gentle reminder* bl-email. | Aġent Segretarju |
| 3.6 | **Fuq punt 3.9**<br>Mappa ta' *Traffic Flow*. | Issir mappa li jkun hemm fiha t-*traffic flow* kollu tas-Swatar. | Aġent Segretarju |
| 3.7 | **Fuq punt 3.12**<br>Ismijiet ġodda tat-Toroq | Tinġabar lista ta' Toroq li huma bla isem jew li jridu jinbidlilhom isimhom. | Aġent Segretarju |
| 3.11 | **Fuq punt 5.3**<br>Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew. | Is-Sur Mario Xuereb imur ikellem lis-superjur. | Is-Sur Mario Xuereb |
| 3.12 | **Fuq punt 5.4**<br>*Loading and Unloading Bay.* | Fi Triq il-Ġostra, il-Veggie Shop għandu bżonn li jkollu *loading and unloading bay* quddiem il-ħanut tiegħu għall-waqt il-ħin tal-ħanut. | Aġent Segretarju |
| 3.13 | **Fuq punt 5.5 u 5.5.2**<br>Talba għall-*Sleeping Policeman* | Is-Sur Jimmy Zahra, rigward il-mera, ser jerġa jkellem lir-resident sabiex jara jekk hix bżżejjed u jekk hix qed tkun effettiva. Il-Kumitat qabel. | Is-Sur Jimmy Zahra |
| 3.14 | **Fuq punt 5.6**<br>*Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'* | Isir parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita' quddiem iċ-Ċentru tad-Diżabilita' fi Triq il-Balliju Guttenberg. | Aġent Segretarju |
| 3.16 | **Fuq punt 5.8.6**<br>Tabelli ta' Informazzjoni fit-Toroq. | L-Aġent Segretarju għandu jaħdem fuq il-proġett tat-tabelli ta' informazzjoni u direzzjonijiet fejn qegħdin il-ħwienet. Kif ilesti d-dettalji tal-proġett, iressqu quddiem il-Kumitat sabiex jiddiskutih. | Aġent Segretarju |
| 3.20 | **Fuq punt 5.11**<br>Problema ta' Parkeġġ | Il-Kumitat jiltaqa' mal-aġenziji li hemm fi Triq it-Torri. | Aġent Segretarju |
| 3.21 | **Fuq punt 5.12**<br>Periklu | Is-Sur Mario Xuereb u s-Sur Jimmy Zahra ser jiftehmu bejniethom sabiex imorru u jidentifikaw dawn il-perikli fejn qegħdin u jittieħdu r-ritratti. | Is-Sur Mario Xuereb u s-Sur Jimmy Zahra |
| 3.22 | **Fuq punt 5.15**<br>Laqgħa Pubblika | Il-Kumitat iddeċieda li L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jivverifika dan il-punt mad-Dipartiment | Aġent Segretarju |